MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tal-11 ta' Frar, 2003

Numru 1/1998

John Salamone Reynaud
Vs
Kummissarju tal-Pulizija

Meta ssejjah ir-rikors deher ir-rikorrenti.

Il-Qorti tirrileva illi dan ir-rikors gie ipprezentat fis-27 ta' Lulju, 1998 u illi hija iddegretatu fil-21 ta' Ottubru 1998.

Illi minn dakinhar sal-lum il-partijiet baqghu jitolbu lill-Qorti sabiex tibqa tappunta dan ir-rikors minn zmien ghal zmien u dana bil-ghan illi r-rikorrenti jibqghu jaghmlu xi forma ta' pressjoni fuq il-Kummissarju tal-Pulizija sabiex dan tal-ahhar jistitwixxi l-proceduri Kriminali kif ordnati li jaghmel minn din il-Qorti permezz tad-digriet taghha tal-21 ta' Ottubru 1998.

Il-Qorti tiddikjara illi mhijiex bi hsiebha tibqa sejra b'din il-procedura, liema procedura mhijiex kontemplata mil-ligi.

Ghaldaqstant il-Qorti qeghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ dawn il-proceduri.

--------------------------------TMIEM--------------------------------